



Brussell, 29 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7882/19
ADD 1

Fajl Interistituzzjonal:
2017/0225(COD)

CODEC 791
CYBER 107
TELECOM 146
COPEN 131
COPS 98
COSI 58
CSC 114
CSCI 51
IND 105
JAI 333
JAIEX 50
POLMIL 34
RELEX 305

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv
- Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jixtieq jirregista l-appoġġ tiegħu għar-Regolament dwar l-ENISA, l-"Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà", u li jħassar ir-Regolament (UE) 526/2013, u dwar iċ-Ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-Teknoloġija tal-Informationi u tal-Komunikazzjoni. Ir-Renju Unit huwa impenjat li jiippromwovi s-sigurtà u l-istabbiltà fiċ-ċiberspazju permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali msaħħha.

Madankollu, ir-Renju Unit jixtieq jirreġistra l-fehma tiegħu li huwa ma jirrikonoxxix it-terminu "qalba essenzjali pubblika" (tal-internet miftuħ) kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) u l-Premessa 23. Peress li huwa netwerk ta' netwerks, ir-Renju Unit ma jirrikonoxxix li l-internet għandu "qalba essenzjali". Ir-Renju Unit iqis li dan il-kliem jista' jintuża biex jippromwovi l-frammentazzjoni tal-internet, li jkun ta' dannu għall-pożizzjonijiet meħuda mill-UE u l-Istati Membri li qed jippruvaw jevitaw dan. It-terminu "pubblika" jista' jiġi interpretat bħala li jfisser responsabbiltà governattiva għall-Internet, li huwa kontra l-mudell tal-governanza tal-internet b'bosta partijiet ikkonċernati li huwa appoġġat mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Ir-Renju Unit iqis li huma meħtieġa aktar diskussionijiet biex niddefinixxu kif nitħaddtu dwar il-funzjonijiet ċentrali li jirfdu l-operat normali tal-internet.

Ir-Renju Unit jibqa' tal-fehma li l-aproċċ b'bosta partijiet ikkonċernati hu l-aħjar mod kif issir il-ġestjoni tal-kumplessitajiet tal-governanza tal-internet u ser ikompli jħabrek mas-sħab internazzjonali tiegħu biex jitħares il-ġejjieni fit-tul ta' ċiberspazju liberu, miftuħ, paċifiku u sigur.
